IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 27.6.2013
JOIN(2013) 25 final

2013/0230 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta’ Marzu 2007 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/800/PESK tat-22 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ("il-Korea ta’ Fuq"). Fit-22 ta’ April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/183/PESK li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2010/800/PESK.

(2) Skont id-Deċiżjoni 2013/183/PESK l-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu inklużi fil-listi ta’ prodotti msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament 329/2007. Il-lista, li tidher fl-Anness Ia ta' dak ir-Regolament, għandha tiżdied biex tinkludi aktar oġġetti.

(3) Ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni għandhom għalhekk jipproponu li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 kif xieraq.

2013/0230 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(1), tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/800/PESK[1].

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentanta Għolja tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 jelenka l-affarijiet, il-materjali, it-tagħmir, il-prodotti u t-teknoloġija kollha, inkluż softwer, li huma prodotti jew teknoloġija b'użu doppju kif definit fir-Regolament (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009[2] li huma pprojbiti milli jinbiegħu, jiġu fornuti, ittrasferiti jew esportati, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea ('il-Korea ta' Fuq') jew biex jintużaw hemm, f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 329/2007.

(2) L-Anness Ia jelenka oġġetti, materjali, tagħmir, prodotti u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbuta mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi li wkoll huma pprojbiti milli jinbiegħu, jiġu fornuti, ittrasferiti jew esportati. Huwa l-kompitu tal-Unjoni li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu inklużi f'dak l-Anness.

(3) Il-lista tal-oġġetti fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandha tiġi emendata biex tiżdied il-lista tal-oġġetti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 329/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

L-Anness Ia tar-Regolament (UE) Nru 329/2007 huwa emendat skont it-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 111, 23.4.2013, p. 52.
[2] ĠU L 134, 29.5.2009, p1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-annotazzjoni I.A1.024:

"IA.A1.025	Liegi tat-Tantalum, minbarra dawk speċifikati f'1C002 u 1C202.	1C002 1C202
IA.A1.026	Żirkonju u liegi taż-żirkonju, minbarra dawk speċifikati f'1C011, 1C111 u 1C234.	1C011 1C111 1C234
I.A1.027	Materjali splussivi minbarra dawk speċifikati f'1C239 fil-lista ta' tagħmir militari, jew materjali jew taħlitiet li aktar minn 2 % tal-piż tagħhom huwa tali materjal splussivi, b'densità kristallina ogħla minn 1,5 g/cm3 u li għandhom veloċità ta' detonazzjoni ogħla minn 5 000 m/s."	1C239"

(2) L-annotazzjoni I.A2.002 għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"I.A2.002	Għodda tal-magni, minbarra dawk speċifikati f'2B001 jew 2B201 u kwalunkwe taħlita tagħhom, għat-tneħħija (jew il-qtugħ) ta' metalli, ċeramika jew "kompożiti" li, skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, jistgħu jkunu mgħammra b'apparat elettroniku għall-"kontroll numeriku", li jkollhom preċiżjoni ta' pożizzjonar ta' daqs jew inqas (aħjar) minn 30 μm skont ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenzi nazzjonali fuq kwalunkwe assi lineari.	2B001 2B201"

(3) L-annotazzjoni li ġejja għandha tiddaħħal wara l-annotazzjoni I.A6.012:

"IA.A6.013	Lejżers, minbarra dawk speċifikati f'6A005 u 6A205.	6A005 6A205"